MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1998/1999/1

**Joseph Camilleri**

**Vs**

**Sharon Camilleri maghrufa ukoll bhala Sharon Kitcher f'isimha proprio u bhala kuratrici 'ad litem' ta' binha minuri Jesmar sallum kunjomu Camilleri.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur u martu l-konvenuta kienu kkuntrattaw zwieg fil-21 ta' Settembru 1996;

Premess illi b'kuntratt datat l-1 ta' Gunju 1999 ippubblikat minn Nutar Dottor Vanessa Pool il-partijiet kienu sseparaw minn ma' xulxin skond l-anness dokument "A";

Premess illi fl-20 ta' Dicembru 1996 il-konvenuta welldet lil binha Jesmar sallum kunjomu Camilleri li gie kkoncepiet ftit xhur qabel iz-zwieg tal-kontendenti;

Premess illi l-missier naturali tal-imsemmi minuri Jesmar sallum kunjomu Camilleri mhux il-konvenut kif diga' gie ppruvat permezz ta' DNA Blood Testing li kien sar bi ftehim bejn il-partijiet u dan kif jidher mid-DNA Paternity Testing Report mahrug mid-ditta Cellmark Diagnostic ta' Oxford, l-Ingilterra, data dan ir-rapport 20 ta' Novembru 1998 hawn anness u mmarkat dokument "B" u kif jigi ppruvat ukoll waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi dan il-fatt gie anness u accettat anke mill-konvenuta u sahansitra gie indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni personali dokument "A" fuq imsemmi;

Premess illi mhux fl-interess la tal-attur, la tal-minuri u lanqas tal-konvenuta illi fl-att tat-twelid tal-minuri Jesmar sallum kunjomu Camilleri jiba' jigi indikat taht it-testatura isem u kunjomu l-konnotati tal-missier l-isem tal-attur li fil-fatt gia gie ppruvat bla ebda dubbju li ma jistax ikun il-missier naturali tal-minuri;

Talab ghalhekk l-istess attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-missier naturali tal-minuri Jesmar sallum kunjomu Camilleri mhux l-imsemmi attur Joseph Camilleri kif indikat fic-certifikat tat-twelid numru 5270/1996 annness u mmarkat dokument C;

2. Konsegwentement tordna illi fl-att tat-twelid tal-minuri Jesmar sallum kunjomu Camilleri, att tat-twelid numru 5270/1996 jithassar l-isem tal-attur Joseph Camilleri u l-konnotati tal-istess taht it-testatura "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier" u floku jitpoggew il-kliem "Missier Mhux Maghruf";

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta Sharon Camilleri ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi din il-kawza qed issir principalment bhala wahda ta' denegata paternita u l-korrezzjoni mitluba fl-att tat-twelid numru 5270/1996 hija ncidentali;

2. Illi fil-mertu, f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghall-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla pregudizzju, apparti t-tibdil fl-att tat-twelid in kwistjoni rikjest mill-attur fic-citazzjoni, ghandhom jigu kancellati wkoll il-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet tal-omm;

4. Illi peress li l-attur qieghed jaghmel talbiet illi jekk jiltaqghu ser ikollhom effetti rriversibbli fuq il-hajja tal-minuri in kwistjoni, jinhtieg li din l-Onorabbli Qorti tkun tassew konvinta mill-provi migjuba qabel tiddeciedi li tilqa' t-talbiet attrici;

5. Illi fi kwalunkwe kaz, in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li wasslu ghat-talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid imsemmi huma ghal kollox estranei ghall-esponent, huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota tal-konvenuta ta' l-24 ta' Marzu, 2000 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici;

Rat id-digriet tad-19 ta' Mejju 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat il-verbal ta' l-20 ta' Novembru 2000 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Din hi kawza fejn l-attur qed jitlob li jiddiskonixxi lill-minuri tifel Jesmar koncepit mir-relazzjoni tal-konvenuta martu ma' ragel iehor. Effettivament dan il-koncepiment sehh qabel iz-zwieg u billi l-attur haseb li l-konvenuta kienet gravida bit-tarbija tieghu huwa ghadda ghaz-zwieg maghha fil-21 ta' Settembru 1996. It-tifel twieled fl-20 ta' Dicembru 1996.

Issa l-Artikolu 70 tal-Kodici Civili li jakkorda lir-ragel l-azzjoni tad-"denegata paternita`" jippostula li d-dritt tac-cahda hu hekk konferit fejn it-tifel ikun "imnissel matul iz-zwieg". F'dan il-kaz, kif gja manifest it-tifel gie koncepit qabel iz-zwieg u ghalhekk "stricto jure", a bazi tat-test tal-istess ligi, l-kaz de quo ma jinkwadrax ruhu strettament taht l-ipotesi tal-artikolu tal-ligi suddett.

Fil-gurisprudenza Taljana, li fuq il-ligi ta' dak il-pajjiz hu modellat l-artikolu tal-Kodici Civili taghna, l-attur hu xorta wahda ammess li jipprova li l-koncepiment sehh qabel iz-zwieg u li t-tarbija mhiex frott tal-unjoni tieghu mal-omm li aktar tard saret martu. Jinghad li "*in tale ipotesi l'azione di disconoscimento e' ammessa sulla base della dimostrazione di almeno una delle quattro condizioni di cui alla norma un convenuto, dovendosi intendere le parole "coniugi", "marito", "moglie", "adulterio" in modo estensivo, come se al momento del concepimento il matrimonio fosse gia avvenuto*" (Cassazione 83/4272 e 90/5626).

L-attur jirrakkonta illi fiz-zmien meta kienu ghadhom gharajjes martu kellha relazzjonijiet ma' irgiel ohra. Dan skoprieh wara z-zwieg meta f'okkazzjoni minnhom sab ragel barrani d-dar tieghu f'cirkostanzi suspettuzi u indikattivi ta' infedelta` lejh minn naha ta' martu.

Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni l-attur iddecieda li fl-interess ta' kulhadd, u aktar u aktar tal-minuri, jsir it-test genetiku biex tigi stabbilita l-paternita` vera tal-minuri.

In-norma tal-ligi in diskussjoni (Art 70 Kap 16) dan tammettih u taghti l-fakolta' lir-ragel li jipprova, apparti provi cirkostanzjali ohra, permezz ta' testijiet genetici, jew ematologici li huwa ma huwiex dak li hu ndikat bhala l-missier fl-att tat-twelid tal-minuri.

Fl-istat attwali tal-gharfien u tal-progress xjentifiku ir-rizultat ta' tali testijiet jaghmel prova efficjenti, u shiha tal-ezistenza, jew le, tar-rapport ta' filjazzjoni. In effetti l-prova genetika jew dik tad-demm kapaci jeskludu b'certezza l-paternita` fejn jirrizulta dik l-inkompatibilita` assoluta bejn il-gruppi kromosomici jew il-gruppi tad-demm.

Di fatti l-ligi stess taghti importanza lil dawn it-testijiet, kif hekk evidenzjat mis-subinciz (3) ghall-Art 70, u allavolja dawn it-testijiet ma humiex ko-ercibbli, ir-rifjut li wiehed jissottoponi ruhu ghalihom jinduci lill-Qorti tasal ghad-deduzzjonijiet taghha u "tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet li jistghu jkunu gustifikati jekk parti ma tkunx trid taghmel dawn l-ezamijiet".

Fil-kaz de quo jirrizulta li sar id-DNA Paternity Test kif evidenzjat mir-rizultanzi dwaru esebit a fol 9 tal-process. Fih jinghad illi l-attur "*cannot be the father of Jesmar Camilleri*". Dan ikompli jsahhah il-bazi ta' l-azzjoni ntentata mill-attur li fir-realta` huwa ma huwiex missier il-minuri.

L-ammissjoni tal-konvenuta omm registrata f'Nota esebita a fol 19 ma ghanda l-ebda valur konfessorju. Dan kif ravvizat mis-subinciz (2) ghall-imsemmi Artikolu 70 tal-

Kodici Civili. B’danakollu tali ammissjoni jew dikjarazzjoni li zewgha ma huwiex missier binha tista’ tigi valutata bhala element ta’ prova fil-kwadru tar-rizultanzi processwali l-ohra, senjatament il-prova genetika li ghaliha saret referenza.

Fic-cirkostanzi l-assjem ta’ dawn il-provi jinducu lil dina l-Qorti takkolji d-domandi attrici kif hekk ser taghmel ‘infra’.

Ghal dawn il-motivi:-

Taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-minuri tifel Jesmar ma huwiex l-iben naturali ta’ l-attur kif hekk hemm indikat fl-Att tat-Twelid tal-istess minuri;

Tilqa’ wkoll it-tieni domanda billi tordna l-korrezzjoni opportuna fl-istess Att tat-Twelid Numru 5270/1996 billi thassar minnhu kull referenza ghall-attur u ghall-konnotati tieghu u tissostitwixxi ghall-attur taht il-kolonna “Isem u kunjom missier it-tarbija” il-kliem “Unknown Father” jew “Missier mhux Maghruf”.

L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tal-konvenuta Sharon Camilleri.

-------------------------------TMIEM-------------------------------